**15 ta' Diċembru, 1997**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino, B.A. (Hons.), LL.D. - President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Joseph D. Camilleri B.A., LL.D.**

Tarcisio Said

*versus*

L-Awtorità ta' l-Ippjanar

**Bord ta' l-Appelli dwar l-Ippjanar - Appell Minn Sentenza ta' - Ġurisdizzjoni tal-Qorti ta' l-Appell f'Appelli minn Sentenzi tal-Bord**

*Il-Qorti ta' l-Appell sabet l-appell irritu u null għaliex il-ġurisdizzjoni tagħha a tenur ta' l-artikolu 15 (2) ta' l-Att I ta' l-1992 kienet biss fuq punti ta' dritt deċiżi mill-Bord.*

Il-Qorti:-

*Dan huwa appell li qiegħed isir minn Tarcisio Said minn* deċiżjoni tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar tat-13 ta' Novembru, 1996;

L-appellant Said kien appella quddiem l-imsemmi Bord minn avviż biex tieqaf u ta' twettiq tat-13 ta' April, 1995. Il-kontravvenzjoni lilu kontestata kienet li "saqqaf bejt ġdid fuq il-qadim f'parti li mhix koperta bil-permess PA 36/93". Quddiem il-Bord, l-appellant issottometta li l-avviż imsemmi kien hemm lok li jiġi ddikjarat null minħabba:

Li meta kien qed isir ix-xogħol fil-fond 15 u 16, Triq Diċembru 13, Nadur, Għawdex, skond il-permess PA 36/93, irriżulta li s-saqaf tax-xorok kien antik, fi stat perikoluż u kellu bżonn jinbidel;

Li tpoġġew il-planki biex jitneħħa l-perikolu;

Jekk titwessa t-triq il-planki jistgħu jitneħħew;

Li billi l-post jintuża bħala ħanut ma setax jitħalla l-perikolu;

Li biex jinbidel saqaf perikoluż m'hemmx bżonn ta' permess tal-bini;

Inoltre, ġie ddikjarat li s-saqaf in kwistjoni kien perikolanti u biex il-ħanut jibqa' miftuħ u jimminimizza l-inkonvenjent, is-saqaf, flok ġie sostitwit fejn kien sar saqaf ieħor tal-planki żewġ filati 'l fuq minn dak oriġinali, sar hekk għal raġunijiet purament tekniċi;

L-Awtorità ssottomettiet li l-mod ta' kif sar ix-xogħol, kien jirrikjedi permess;

Il-Bord, wara li rrifera għad-disposizzjonijiet li tirregola dan il-każ, ċjoè l-artikolu 52 (6) ta' l-Att I ta' l-1992, ikkummenta u ddeċida hekk:

"L-operat ta' dan il-Bord hu għalhekk limitat b'dan l-artikolu, ċjoè l-indaġini li trid issir hi limitata għall-fatt jekk ix-xogħol li sar kien jirrikjedi permess jew le, f'każ affermattiv, skond is-subinċiż (b) ta' l-artikolu 52 (6) hawn fuq riportat "il-Bord għandu jiċħad l-appell;

Fil-każ in eżami kien hemm permess ta' l-1 ta' Ġunju, 1993, biex isiru żidied però x-xogħol li għalih jirreferi l-avviż mhux inkluż fl-imsemmi permess, l-appellant għalhekk insista li minħabba l-perikolu, u għar-raġunijiet tekniċi kien kostrett li jagħmel ix-xogħol bil-mod kif għamlu;

Apparti kull konsiderazzjoni, jekk hux veru jew le li s-saqaf antik tax-xorok kien perikoluż, billi dan ma ġiex sempliċement sostitwit, iżda sar bil-planki, żewġ *filati għola*, dan ċertament kien jirrikjedi permess għall-iżvilupp;

Il-Bord għalhekk qed jiddisponi minn dan l-appell *billi* jiċħdu, u jikkonferma l-avviż biex Tieqaf u ta' Twettiq tat-13 ta' April, 1995";

Fl-appell li Tarcisio Said interpona minn din id-deċiżjoni quddiem din il-Qorti huwa ressaq dan l-aggravju:

"Il-kwistjoni meritu ta' l-appell kienet jekk ix-xogħol magħmul mill-appellant kienx jirrikjedi permess jew le. Il-Bord ta' l-Appell skarta kompletament il-kwistjoni jekk *is-saqaf in* kwistjoni kienx wieħed perikoluż u kellux għalhekk bilfors jiġi sostitwit u ddeċida li la darba s-saqaf sar bil-planki żewġ filati għola, allura kien jeħtieġ permess. Issa huwa paċifiku li l-liġi ma tirrikjedix permess fejn isir xogħol ta' tiswija biex jitneħħa perikolu. F'umili sottomissjoni ta' l-esponent għalhekk, *il-Bord* ma setax jiskarta l-kwistjoni tal-perikolu, kif għamel, u jikkonkludi li x-xogħol sar bla permess. Dik il-konsiderazzjoni kienet vitali għad-deċiżjoni ta' l-appell u in kwantu ġiet skartata kien hemm enunċjazzjoni ħażina tal-liġi. Huwa imbagħad evidenti li x-xogħol ta' tiswija llum isir bil-mezzi moderni b'dak il-mod li huwa ekonomikament vijabbli. Il-liġi mkien ma tirrikjedi li t-tiswija trid issir b'dawk l-istess materjali u b'dawk l-istess akkorġimenti tekniċi li kienu oriġinarjament *użati*. Għalhekk in kwantu l-Bord iddeċida li kien jeħtieġ permess biex isir ix-xogħol in kwistjoni mingħajr ma ħa in konsiderazzjoni l-perikolożità ta' l-istruttura u n-neċessità tat-tiswija għamel, bir-rispett kollu lejn l-Onorabbli Qorti, enunċjazzjoni żbaljata tal-liġi";

L-appellant talab li l-imsemmija deċiżjoni tal-Bord tiġi revokata u li l-appell tiegħu quddiem l-istess Bord jiġi milqugħ;

Din it-talba ġiet opposta mill-Awtorità ta' l-Ippjanar li fl-ewwel lok issottomettiet li l-appell kien null stante li ma kienx qiegħed isir fuq punt ta' liġi deċiż mill-Bord;

*Illi din il-preġudizzjali ta' l-Awtorità hija ġustifikata.* Infatti, l-Bord ma laqax is-sottomissjoni ta' l-appellant li si tratta ta' sempliċi xogħol ta' manutenzjoni li għalih ma kienx hemm bżonn permess. Il-Bord ikkonstata li x-xogħol li għamel l-appellant ma kienx jikkonsisti sempliċement fis-sostituzzjoni ta' saqaf antik tax-xorok, li seta' kien perikolanti, iżda invece, li s-saqaf li kien hemm ġie sostitwit b'ieħor tal-planki li ġie mgħolli żewġ filati aktar. *A bażi tal-fatti li rriżultawlu l-Bord* iddeċieda li l-appellant kien jenħtieġ permess għal żvilupp mill-Awtorità biex ikun jista' jsir ix-xogħol li effettivament twettaq mill-appellant;

Illi kif sewwa oġġezzjonat l-Awtorità appellata, l-aggravju ta' l-appellant ma jikkonċernax ebda punt ta' dritt li ġie deċiż mill-Bord. Il-Bord ma għamel l-ebda enunċjazzjoni żbaljata tal-liġi, kif jallega l-appellant;

*Infatti, il-kwistjoni quddiem il-Bord kienet sempliċement* waħda ta' fatt. Il-Bord kellu jikkunsidra n-natura u l-konsistenza tax-xogħlijiet li rriżultalu li effettivament saru mill-appellant. Imbagħad il-Bord kellu jiddelibera jekk dawk ix-xogħlijiet kinux xogħlijiet ta' sempliċi manutenzjoni li għalihom ma kienx jenħtieġ permess ta' żvilupp jew jekk l-istess xogħlijiet kinux jikkonsistu fi "żvilupp" fis-sens tal-liġi u *allura kienu jenħtieġu l-permess ta' l-Awtorità;*

Biex wasal għad-deċiżjoni tiegħu, il-Bord ma għamel ebda

eżerċizzju kumplikat ta' interpretazzjoni ta' xi disposizzjonijiet tal-liġi. Lanqas ma enunċja ebda liġi iżda sempliċement applika kważi impliċitament il-liġi rilevanti għall-fatti li rriżultawlu;

Illi ormai din il-Qorti rribattiet diversi drabi li l-ġurisdizzjoni tagħha f'każijiet bħal dawn hija limitata ħafna, billi skond is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 15 ta' l-Att I ta' l-1992 appelli lil din il-Qorti *mid-deċiżjonijiet* tal-Bord jistgħu isiru biss dwar punti ta' liġi deċiżi mill-Bord;

Illi evidentement l-appell odjern ma jikkonċentrax punt ta' dritt deċiż mill-Bord u għalhekk l-appell interpost huwa irritu u null;

Għal dawn il-motivi:

L-appell huwa miċħud, u d-deċiżjoni appellata hija kkonfermata - bl-ispejjeż kollha għall-appellant.